

Paġna Ewlenija > ... > Teħid Ta' Azzjoni Legali > Għajnuna Legali > Estonia

Għajnuna legali

 Estonja

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 Il-proċedimenti legali xi spejjeż jinvolvu, u normalment min irid iħallashom?

Fil-kawżi ċivili u amministrattivi, l-ispejjeż tal-proċedimenti jikkonsistu fit-tariffa tal-Istat u l-garanzija, fl-ispejjeż relatati mal-għoti tax-xhieda (eż. l-ispejjeż relatati mat-taħrika ta' xhud u l-ispejjeż tax-xhud espert), u fl-ispejjeż li jkunu ġarrbu l-partijiet fil-proċedimenti u r-rappreżentanti tagħhom (tariffi legali, spejjeż tal-ivvjaġġar, eċċ.). L-ispejjeż tal-proċedimenti jridu jitħallsu matul il-proċedimenti mill-parti li titlob l-att proċedurali li jinvolvi l-ispejjeż. Għalhekk, meta jressaq appell jew ilment, l-attur jew ir-rikorrent jeħtieġu jħallas it-tariffa tal-Istat, filwaqt li t-tariffi tax-xhud jew tal-espert iridu jitħallsu bil-quddiem mill-parti li tixtieq tħarrek xhud jew tqabbd espert. Kull parti fil-proċedimenti jeħtieġilha tħallas it-tariffi tar-rappreżentant tagħha.

Fit-tmim tal-proċedimenti, il-parti telliefa normalment tiġi ordnata tirrimborża l-ispejjeż li tħallsu mill-kontroparti matul il-proċedimenti. Fil-proċedimenti ċivili, iċ-ċaħda ta' appell normalment tinvolvi obbligu għall-attur li jħallas lura lill-konvenut l-ispejjeż li jkun ġarrab b'rabta mal-proċedimenti tal-qorti; min-naħa l-oħra, jekk jintlaqa' l-appell, il-konvenut jiġi ordnat iħallas l-ispejjeż imġarrba mill-attur. F'każijiet fejn jintlaħaq kompromess, l-ispejjeż normalment jinqas skont dak il-kompromess.

2 X'inhija eżattament l-għajnuna legali?

Għajnuna legali mill-Istat

Għajnuna legali mill-Istat hija l-forniment, bi spejjeż għall-Istat, tas-servizzi legali ta' avukat biex jirrappreżenta persuna fil-qorti jew fi proċedimenti oħrajn, biex jikteb dokument legali jew biex jagħti parir jew rappreżentanza legali oħra. L-għajnuna legali mill-Istat hija maħsuba prinċipalment għall-persuni fiżiċi li, minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom, ma jistgħux iħallsu għal servizzi legali professjonali. L-għajnuna legali mill-Istat tingħata biss minn avukati. Meta tiddeċiedi dwar rikors għal għajnuna legali mill-Istat, il-qorti tivvaluta s-sitwazzjoni finanzjarja tar-rikorrent, il-prospetti ta' suċċess tat-talba tiegħu (ilment, azzjoni, rikors) u s-sinifikat tal-kawża inkwistjoni għar-rikorrent. Rappreżentant jinħatar taħt l-iskema ta' għajnuna legali mill-Istat, irrispettivament mis-sitwazzjoni finanzjarja tar-rikorrent, f'każijiet li fihom tali ħatra hija obbligatorja (eż. għal persuni suspettati jew imputati fi proċedimenti kriminali), iżda wkoll f'każijiet fejn il-qorti tqis li dan huwa meħtieġ biex jitħarsu l-interessi tal-persuna.

Il-kundizzjonijiet u l-proċedura biex tinkiseb għajnuna legali mill-Istat huma stabbiliti fl-Att dwar l-Għajnuna Legali ffinanzjata mill-Istat (*riigi õigusabi seadus*) (<https://www.riigiteataja.ee/en/eli/518122023002/consolide>).

Barra minn hekk, jingħata parir inizjali, bl-appoġġ tal-Istat, lill-persuni kollha li jgħixu fl-Estonja bi dħul gross medju ta' mhux aktar minn EUR 1 200 fit-trimestru li jiġi qabel ir-rikors tagħhom. Eċċezzjoni għal dan huma l-kawżi tal-familja li jikkonċernaw id-drittijiet ta' wild, fejn il-limitu tad-dħul gross huwa ta' EUR 2 000. Il-limitu massimu fuq id-dħul lanqas ma japplika għal pariri legali lil persuni bi bżonnijiet speċjali u lil persuni anzjani mogħtija fuq bażi kuntrattwali mill-Kamra Estonjana tal-Persuni b'Diżabbiltà (*Puuetega Inimeste Koda*) u mill-

Assoċjazzjoni Estonjana tas-Soċjetajiet tal-Pensjonanti (*Eesti Pensionäride Ühenduste Liit*). Aktar informazzjoni dwar l-għajnuna legali appoġġata mill-Istat tista' tinstab fuq is-sit web tal-Ministeru tal-Ġustizzja (*Justiitsministeerium*) (<https://www.just.ee/kohtud-ja-oigusteenused/oigusabi/riigi-toetatud-oigusabi>).

3 X'inhuma r-rekwiżiti biex tingħata l-għajnuna legali?

Għajnuna legali mill-Istat

Persuna fiżika tingħata għajnuna legali mill-Istat jekk is-sitwazzjoni finanzjarja tagħha fil-mument li jkollha bżonn l-għajnuna legali tkun tali li ma tistax tħallas għal servizzi legali kompetenti jew jekk tkun tista' tħallas għas-servizzi legali b'mod parzjali biss jew f'pagamenti rateali jew jekk is-sitwazzjoni finanzjarja tagħha ma tippermettilhiex li tilħaq il-ħtiġijiet bażiċi ta' sussistenza wara li tħallas għas-servizzi legali.

L-għajnuna legali mill-Istat tingħata mingħajr obbligu li titħallas lura t-tariffa tal-għajnuna legali mill-Istat u l-ispejjeż tal-għajnuna legali mill-Istat (jiġifieri mingħajr flus) jew soġġetta għal rimborż parzjali jew sħiħ (jiġifieri l-benefiċjarju jeħtieġli sussegwentement iħallas lura l-ispejjeż tal-għajnuna legali mill-Istat b'mod parzjali jew sħiħ jekk l-ispejjeż ma jitħallsux minn persuna oħra jew mill-Istat). Meta tiddeċiedi dwar rikors għal għajnuna legali mill-Istat, il-qorti tivvaluta s-sitwazzjoni finanzjarja tar-rikorrent, il-prospetti ta' suċċess tat-talba tiegħu (ilment, azzjoni, rikors) u s-sinifikat tal-kawża inkwistjoni għar-rikorrent. Ġeneralment, il-persuni vulnerabbli u persuni oħra f'sitwazzjonijiet vulnerabbli jirċievu għajnuna legali mill-Istat li titħallas kollha kemm hi mill-Istat.

Rappreżentant jinħatar taħt l-iskema ta' għajnuna legali mill-Istat, irrispettivament mis-sitwazzjoni finanzjarja tal-applikant, f'każijiet li fihom tali ħatra hija obligatorja (eż. għal persuni suspettati jew imputati fi proċedimenti kriminali), iżda wkoll f'każijiet fejn il-qorti tqis li dan huwa meħtieġ biex jitħarsu l-interessi tal-persuna.

L-għajnuna legali tista' tingħata wkoll – għall-fini li jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-istatuti tagħhom fil-qasam tal-ħarsien tal-ambjent jew tal-protezzjoni tal-konsumatur jew minħabba raġunijiet prevalenti oħra fl-interess pubbliku – lil persuni ġuridiċi li, minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom, ma jkunux jistgħu jħallsu għas-servizzi legali.

L-għajnuna legali mill-Istat ma tingħatax jekk:

1. l-applikant ikun jista' jiddefendi d-drittijiet tiegħu stess;
2. l-applikant ma jkollux id-dritt li għalih ikun qiegħed jitlob protezzjoni permezz tal-għajnuna legali;
3. l-applikant ikun jista' jħallas għall-ispejjeż tas-servizzi legali mill-proprjetà eżistenti tiegħu li tista' tinbiegħ faċilment, bl-eċċezzjoni tal-proprjetà speċifikata fl-Artikolu 14(2) tal-Att dwar l-Għajnuna Legali ffinanzjata mill-Istat;
4. l-ispejjeż tas-servizzi legali ma jkunux mistennija li jkunu aktar minn darbtejn id-dħul medju ta' kull xahar tar-rikorrent, ikkalkulat abbażi tal-introjt medju ta' kull xahar għall-4 xhur qabel ma tiġi ppreżentata l-applikazzjoni, li minnu jitnaqqsu t-taxxi, il-ħlasijiet obligatorji tal-assigurazzjoni, l-ispejjeż biex jiġu ssodisfati l-obbligi legali ta' manteniment u l-ispejjeż raġonevoli relatati mad-dar u t-trasport;
5. ikun ċar miċ-ċirkostanzi li hemm possibbiltà żgħira li l-applikant ikun jista' jiddefendi d-drittijiet tiegħu;
6. ir-rikors isir sabiex tiġi ppreżentata talba għal kumpens ta' ħsara mhux materjali u ma jkun hemm l-ebda interess pubbliku konvinċenti fil-kawża;
7. it-tilwima tkun tikkonċerna l-attivitajiet tan-negożju tal-applikant u ma jkollha l-ebda impatt fuq id-drittijiet tiegħu mhux relatati ma' dawk l-attivitajiet tan-negożju;
8. ir-rikors isir biex tiġi mħarsa trademark, privata, mudell ta' utilità, diżinn industrijali, topografija ta' ċirkwiti integrati jew xi forma oħra ta' proprjetà intellettuali, bl-eċċezzjoni tad-drittijiet li jirriżultaw mill-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur (*Autoriõiguse seadus*);
9. ir-rikors isir f'kawża li fiha ir-rikorrent ikollu interess konġunt ċar ma' persuna li ma tkunx intitolata għal għajnuna legali mill-Istat;
10. ir-rikors isir biex jiġi difiż dritt ittrasferit lir-rikorrent u jkun hemm raġuni li wieħed jemmien li d-dritt ġie ttrasferit lir-rikorrent sabiex jikseb l-għajnuna legali mill-Istat;
11. il-forniment ta' servizzi legali jkun iggarantit lill-applikant taħt kuntratt tal-assigurazzjoni tal-ispejjeż legali jew assicurazzjoni obligatorja;
12. il-qliġh potenzjali għall-applikant mill-kawża jkun irraġonevolment żgħir meta mqabbel mal-ispiża mistennija li tiġġarrab mill-Istat biex tingħata l-għajnuna legali.

Parir inizjali

Mill-1 ta' Ġunju 2023, il-persuni li jgħixu fl-Estonja bi dħul gross medju ta' mhux aktar minn EUR 1 200 fit-trimestru li jiġi qabel ir-rikorsi tagħhom jikkwalifikaw għal parir inizjali appoġġat mill-Istat. Eċċezzjoni għal dan huma l-kawżi tal-familja li jikkonċernaw id-drittijiet ta' wild, fejn il-limitu tad-dħul gross huwa ta' EUR 2 000. Il-limitu massimu fuq id-dħul lanqas ma japplika għal pariri legali lil persuni bi bżonnijiet speċjali u lil persuni anzjani mogħtija fuq bażi kuntrattwali mill-Kamra Estonjana tal-Persuni b'Diżabbiltà (*Puuetega Inimeste Koda*) u mill-Assoċjazzjoni Estonjana tas-Soċjetajiet tal-Pensjonanti (*Eesti Pensionäride Ühenduste Liit*).

4 L-għajjnuna legali tingħata għal kull tip ta' proċediment?

Għajjnuna legali mill-Istat

L-għajjnuna legali mill-Istat tista' tinkiseb fil-proċedimenti ġudizzjarji u ekstraġudizzjarji kollha u ġeneralment għall-kwistjonijiet legali kollha, bi ftit eċċezzjonijiet. L-għajjnuna legali bla ħlas mill-Istat ma tingħatax:

- għall-finijiet ta' preżentazzjoni ta' talba għal kumpens għal ħsara mhux materjali u meta ma jkun hemm l-ebda interess pubbliku konvinċenti fil-kawża;
- jekk it-tilwima tkun tikkonċerna l-attivitajiet tan-negozju tal-applikant u ma jkollha l-ebda impatt fuq id-drittijiet tiegħu mhux relatati ma' dawg l-attivitajiet tan-negozju;
- ir-rikors isir biex tiġi protetta trademark, privattiva, mudell ta' utilità, diżinn industrijali, topografija ta' ċirkwiti integrati jew xi forma oħra ta' proprjetà intellettuali, bl-eċċezzjoni tad-drittijiet li jirriżultaw mill-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur.

Parir inizjali

Il-parir inizjali jingħata fl-oqsma kollha tal-liġi, bi ftit eċċezzjonijiet.

Il-parir legali ma jinkludix rappreżentanza quddiem qorti, inkluż l-abbozzar ta' dokument ġudizzjarju, ħlief għal:

1. kwistjonijiet tal-familja relatati mad-drittijiet ta' wild;
2. il-preżentata ta' rikors għal proċedura sommarja ta' ordni ta' ħlas.

5 Jeżistu proċeduri speċjali f'każijiet ta' bżonn?

Ma hemm l-ebda proċedura speċjali bħal din fis-seħħ. L-għażliet eżistenti biex wieħed jingħata għajjnuna legali bla ħlas ikopru wkoll il-kawżi urġenti.

6 Minn fejn nista' nikseb formola ta' applikazzjoni għal għajjnuna legali?

Għajjnuna legali mill-Istat

Il-formolarju ta' rikors għall-għajjnuna legali mill-Istat jista' jinkiseb minn:

[Formolarju ta' rikors għall-għajjnuna legali mill-Istat | 91.3 KB | rtf](#)

[Formola biex tiġi ddikjarata s-sitwazzjoni finanzjarja tal-applikant | 104.24 KB | rtf](#)

Il-formola ta' rikors għall-għajjnuna legali mill-Istat tinsab ukoll fit-taqsima "Għajjnuna Legali mill-Istat" tas-sit web tal-Assoċjazzjoni tal-Avukati Estonjana (*Eesti Advokatuur*): <https://www.riigioigusabi.ee/dokumendid-2>.

Parir inizjali

Biex tagħmel appuntament għal parir legali inizjali, jeħtieġ li tikkuntattja lil HUGO.legal, tirreġistra bħala klijent u tħallas tariffa personali ta' EUR 5. Id-dettalji ta' kuntatt jinsabu fi: <http://www.juristaitab.ee/>. Tista' wkoll itella' l-mistoqsija tiegħek fuq il-[forum](#) li jinsab fuq l-istess paġna. Biex tibgħat mistoqsija, jeħtieġlek tirreġistra billi tuża l-karta tal-identità Estonjana tiegħek.

7 X'dokumenti jridu jiġu ppreżentati mal-formola tal-applikazzjoni għal

għajnuna legali?

Persuna fiżika li titlob l-għajnuna legali mill-Istat jeħtiġilha tinkludi mar-rikors tagħha dikjarazzjoni ffirmata tas-sitwazzjoni finanzjarja tagħha, u jekk ikun possibbli, evidenza oħra ta' din is-sitwazzjoni. Persuna suspettata fi proċedimenti kriminali li titlob il-ħatra ta' avukat ma għandhiex għalfejn tinkludi dikjarazzjoni tas-sitwazzjoni finanzjarja tagħha.

Jekk ir-residenza ta' persuna ma tkunx tinsab fl-Estonja, mar-rikors tagħha hija jeħtiġilha tehmeż dikjarazzjoni dwar id-dħul tagħha u l-introjtu tal-membri tal-familja tagħha matul l-aħħar 3 snin, maħruġa mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż ta' residenza tal-persuna. Jekk din id-dikjarazzjoni ma tkunx tista' tiġi ppreżentata minħabba raġunijiet indipendenti mir-rieda tal-applikant, id-deċiżjoni dwar l-għoti tal-għajnuna legali mill-Istat tista' tittieħed mingħajr id-dikjarazzjoni.

Il-formola għad-dikjarazzjoni tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' persuna hija disponibbli fuq is-sit web tal-Ministeru tal-Ġustizzja u fil-qrati u fl-uffiċċji legali kollha.

8 Fejn irrid nibgħat l-applikazzjoni tiegħi għal għajnuna legali?

Ġeneralment, ir-rikorsi għall-għajnuna legali mill-Istat jintbagħtu lill-qorti. Il-qorti speċifika li lilha għandu jintbagħat ir-rikors tiġi stabbilita kif ġej:

a) Ir-rikorsi għall-għajnuna legali mill-Istat bħala parti fi proċedimenti ġudizzjarji f'kawża ċivili, amministrattiva jew għal kontravvenzjoni jiġu ppreżentati lill-qorti li tkun qiegħda tittratta l-kawża jew li jkollha l-ġuriżdizzjoni li tittrattaha.

b) Jekk rikorrent ikun qiegħed jitlob għajnuna legali mill-Istat biex iħejji dikjarazzjoni ta' talba, dikjarazzjoni ta' petizzjoni jew ilment fi proċedimenti amministrattivi tal-qorti jew proċedimenti għal kontravvenzjoni, huwa jippreżenta r-rikors tiegħu lill-qorti kompetenti biex tisma' t-talba, id-dikjarazzjoni ta' petizzjoni jew l-ilment.

c) Ir-rikorsi għall-għajnuna legali mill-Istat għal rappreżentanza fi proċedimenti ċivili ta' qabel il-proċess jew proċedimenti ekstraġudizzjarji għal kontravvenzjoni jew għall-abbozzar ta' dokument legali jew parir jew rappreżentanza legali oħra jiġu ppreżentati lill-qorti tal-kontea tal-post fejn ir-rikorrent ikollu r-residenza tiegħu jew lill-qorti tal-kontea tal-post fejn huwa preżunt li jiġu pprovduti s-servizzi legali inkwistjoni. Jekk ir-rikorrent ma jkunx residenti fl-Estonja, huwa jista' jippreżenta wkoll ir-rikors tiegħu lill-qorti tal-kontea li fil-ġuriżdizzjoni tagħha jkun jinsab.

d) Ir-rikorsi għall-għajnuna legali mill-Istat għal rappreżentanza fi proċedimenti amministrattivi jiġu ppreżentati lill-qorti amministrattiva tal-post fejn ir-rikorrent ikollu r-residenza tiegħu jew lill-qorti amministrattiva tal-post fejn huwa preżunt li jiġu pprovduti s-servizzi legali inkwistjoni.

e) Jekk il-parteċipazzjoni ta' avukat matul il-proċedimenti kriminali ma tkunx obligatorja u l-persuna suspettata ma tkunx għażlet avukat iżda tixtieq li tiġi rappreżentata minn wieħed, hija tippreżenta rikors għall-għajnuna legali mill-Istat lill-awtorità investigattiva jew lill-Uffiċċju tal-Prosekutur.

f) Jekk persuna tapplika għal għajnuna legali mill-Istat bħala parti leża fi proċedimenti kriminali, imputat ċivili jew parti terza, il-qorti li tkun qiegħda tmexxi l-proċedimenti jew, fi proċedimenti ta' qabel il-proċess f'kawża kriminali, il-qorti tal-kontea kompetenti biex tmexxi l-proċedimenti fil-kawża kriminali inkwistjoni tiddeċiedi jekk għandhiex tingħata għajnuna legali mill-Istat.

g) Jekk persuna tapplika għal għajnuna legali mill-Istat għal ritrattazzjoni, il-Qorti Suprema tiddeċiedi jekk għandhiex tingħata għajnuna legali mill-Istat.

h) Ir-rikorsi għall-għajnuna legali mill-Istat għal rappreżentanza fi proċedimenti ta' eżekuzzjoni jiġu ppreżentati lill-qorti kompetenti biex tisma' denunzji dwar l-azzjonijiet ta' uffiċjal eżekuttiv li jkun qiegħed imexxi l-proċedimenti ta' eżekuzzjoni.

9 Kif nista' nsir naf jekk jiniex intitolat għal għajjnuna legali?

L-informazzjoni dwar l-għajjnuna legali mill-Istat u l-pariri inizjali jistgħu jinkisbu mill-qrati u mill-uffiċċji legali. L-operaturi tal-uffiċċji legali jeħtiġilhom jiżguraw li dawk li jkollhom bżonn għajjnuna legali mill-Istat jingħataw spjegazzjonijiet dwar ir-raġunijiet u l-proċeduri biex tinkiseb għajjnuna legali mill-Istat kif previst fl-Att dwar l-Għajjnuna Legali ffinanzjata mill-Istat matul il-ħinijiet tax-xogħol tal-uffiċċju, mingħajr ħlas. L-organizzaturi tal-pariri inizjali huma obbligati wkoll li jagħtu pariri lil dawk li jkollhom bżonn assistenza dwar ir-raġunijiet u l-proċeduri biex tinkiseb għajjnuna legali mill-Istat u, meta jkun meħtieġ, jgħinu biex jimtlew b'mod tajjeb ir-rikorsi għall-għajjnuna legali, mingħajr ħlas.

Informazzjoni dwar l-għażliet għal għajjnuna legali appoġġata mill-Istat tista' tinstab fuq is-sit web tal-Ministeru tal-Ġustizzja (*Justiitsministerium*) (<https://www.just.ee/kohtud-ja-oigusteenuused/oigusabi/riigi-toetatud-oigusabi>).

10 X'għandi nagħmel jekk inkun intitolat għal għajjnuna legali?

Għajjnuna legali mill-Istat

Sabiex tinkiseb għajjnuna legali mill-Istat, ir-rikorsi (punt 6) iridu ġeneralment jiġu ppreżentati, flimkien ma' dikjarazzjoni tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-applikant (punt 7), lill-qorti li tkun qiegħda tisma' r-rikors għall-għajjnuna legali mill-Istat (punt 8).

Ir-rikorsi għall-għajjnuna legali mill-Istat għandhom jiġu ppreżentati bl-Estonjan jew b'lingwa oħra li hija komuni fl-Estonja (l-arranġamenti għat-traduzzjoni għandhom isiru minn min ikun qiegħed jitratta l-każ). Ir-rikors jista' jiġi ppreżentat ukoll bl-Ingliż jekk ir-rikorrent tal-għajjnuna legali jkun persuna fiżika residenti fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea jew ikun ċittadin ta' Stat Membru ieħor tal-UE, jew persuna ġuridika bbażata fi Stat Membru ieħor tal-UE.

Fi proċedimenti li fihom il-parteciġipazzjoni ta' avukat tkun meħtieġa mil-liġi, persuna ma trid tagħmel xejn biex tirċievi għajjnuna legali mill-Istat – sakemm il-persuna ma tkunx qabdet avukat hija stess, l-uffiċjal li jmessxi l-proċedimenti huwa meħtieġ li jqabbd avukat għall-persuna u l-persuna ma għandhiex għalfejn tippreżenta rikors.

Parir inizjali

Biex tagħmel appuntament għal parir legali inizjali, jeħtieġ li tikkuntattja lil HUGO.legal, tirreġistra bħala klijent u tħallas tariffa personali ta' €5. Id-dettalji ta' kuntatt jinsabu fi: <http://www.juristaitab.ee/>. Tista' wkoll itella' l-mistoqsija tiegħek fuq il-[forum](#) li jinsab fuq l-istess paġna. Biex tibgħat mistoqsija, jeħtieġlek tirreġistra billi tuża l-karta tal-identità Estonjana tiegħek.

11 Min jagħżilli l-avukat, jekk inkun intitolat għal għajjnuna legali?

Għajjnuna legali mill-Istat

Fuq talba tal-awtorità investigattiva, tal-Uffiċċju tal-Prosekutur jew tal-qorti, il-Kamra tal-Avukati Estonjana (*Eesti Advokatuur*) taħtar avukat biex jipprovdi l-għajjnuna legali mill-Istat. B'mod ġenerali, individwu ma għandux id-dritt li jagħżel liema avukat jipprovdi l-għajjnuna legali mill-Istat. Madankollu, persuna għandha d-dritt li titlob l-għajjnuna legali mill-Istat li trid tiġi pprovduta minn avukat partikolari jekk l-avukat ikun qabel li jipprovdi għajjnuna legali mill-Istat. F'dak il-każ, isem l-avukat li jkun ta l-kunsens tiegħu jrid jiġi indikat immedjatament fir-rikors għall-għajjnuna legali mill-Istat.

Il-qorti, l-Uffiċċju tal-Prosekutur u l-awtorità investigattiva ma għandhomx is-setgħa li jiftiehm ma' avukat dwar l-għoti ta' għajjnuna legali mill-Istat jew li jaħtru avukat biex jipprovdi għajjnuna legali mill-Istat.

Parir inizjali

Fil-każ ta' parir inizjali, il-persuna li jkollha bżonn l-assistenza tista' tagħżel l-avukat tagħha skont il-post fejn tkun tinsab u l-qasam tal-parir jew issib uffiċċju ta' avukat.

12 L-għajnuna legali tkopri l-ispejjeż kollha tal-proċedimenti?

Le. L-għajnuna legali mill-Istat tkopri l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni li jridu jitħallsu minn avukat jew operatur ta' uffiċċju legali b'rabta mal-provvista tal-għajnuna legali mill-Istat, l-ispejjeż tat-traduzzjoni u l-ispejjeż relatati mal-preżentazzjoni tal-provi. Barra minn hekk, il-qorti tista' tordna li persuna – fuq talba tagħha – tiġi eżentata, b'mod sħiħ jew parzjali, mill-ispejjeż tal-proċedimenti bħala għajnuna proċedurali.

13 Min għandu jħallas l-ispejjeż l-oħra jekk jien inkun intitolat biss għal għajnuna legali limitata?

Fil-każ ta' għajnuna proċedurali jew legali mill-Istat soġġetta għal kumpens parzjali, l-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-kontroparti telliefa, minn persuna oħra jew mill-Istat.

14 L-għajnuna legali tkopri l-appelli wkoll?

Iva. L-għajnuna legali mill-Istat tkopri l-appelli, l-appelli ta' kassazzjoni, l-appelli kontra d-deċiżjonijiet u l-proċedimenti ta' ritrattazzjoni.

15 L-għajnuna legali tista' tiġi rtirata qabel il-konklużjoni tal-proċedimenti (jew saħansitra tiġi revokata wara t-terminazzjoni tal-proċedimenti)?

Jekk qorti, awtorità investigattiva jew l-Uffiċċju tal-Prosekutur ikun iddeċieda li jagħti għajnuna legali mill-Istat, huwa jista', fuq talba tal-avukat li jipprovdi għajnuna legali mill-Istat jew fuq inizjattiva tiegħu stess, jerġa' jivvaluta fi kwalunkwe ħin, f'konformità mal-proċedura stabbilita, fl-Att dwar l-Għajnuna Legali ffinanzjata mill-Istat, jekk ir-raġunijiet mogħtija fl-Att għall-għoti tal-għajnuna legali mill-Istat lill-applikant inkwistjoni jibqgħux jeżistu u, jekk ma jibqgħux, itemm l-għoti tal-għajnuna legali mill-Istat.

Jekk l-għajnuna legali mill-Istat ma tibqax tingħata, l-avukat li jipprovdi l-għajnuna legali mill-Istat ma jibqax ikollu l-obbligu li jagħmel dan, u l-qorti tiddetermina, fuq talba tal-avukat, l-ammont tat-tariffa għall-għajnuna legali tiegħu u kemm mill-ispejjeż tal-għajnuna legali mill-Istat għandhom jiġu rimborsati lilu. Fl-istess ħin, il-qorti tiddetermina l-obbligu tal-benefiċjarju tal-għajnuna legali mill-Istat li jirrimborsa lura lill-Istat, b'mod sħiħ jew parzjali, l-ammont li għandu jitħallas lill-avukat.

16 Nista' nikkontesta r-rifjut li ningħata għajnuna legali?

F'konformità mal-proċedura stabbilita fil-leġiżlazzjoni li tirregola l-proċedimenti rilevanti tal-qorti jista' jsir appell kontra ordni li tiċċad għajnuna legali mill-Istat.

17 It-talba għal għajnuna legali għandha l-effett li tissospendi l-perjodu ta' preskrizzjoni?

Le.

Aktar informazzjoni

Għal aktar informazzjoni dwar is-sistema Estonjana ta' għajnuna legali mingħajr ħlas, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-Ministeru tal-Ġustizzja fl-indirizz li ġej:

Ministeru tal-Ġustizzja (*Justiitsministeerium*)

Suur-Ameerika 1, 10122 Tallinn

Tel.: (+372) 620 8100

Posta elettronika: info@just.ee

L-aħħar aġġornament: 25/07/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.